Minkejja li ddeċidiet li ma kienx ġustifikat li tipproċedi għall-eżami konġunt tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà u tal-eżami fuq il-mertu, il-Qorti Ġenerali attribwiet ġuridikament l-obbligu ta' ħlas fuq ir-Rumanija fl-ambitu rregolat mid-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom ([1]) u mir-Regolament Nru 1150/2000 ([2]), fejn sostniet li l-Istat Rumen għandu l-obbligu, abbażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet, li jistabbilixxi u li jħallas l-ammont ta' EUR 14 833,79 bħala riżorsi proprji tradizzjonali.

Wara li analizzat in-natura u l-motivazzjoni wara l-obbligu ta' ħlas, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet il-mertu tal-kawża, u b'hekk, aġixxiet b'kuntrast mad-deċiżjoni tagħha li tiddeċiedi esklużivament fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà.

2. **It-tieni motiv – Ksur tad-dritt tal-Unjoni min-naħa tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea**

Ir-Rumanija tqis li l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea kkwalifikat b'mod żbaljat in-natura tal-obbligi attribwiti lilha permezz tal-ittra BUDG/B3/MV D (2014) 3079038 tad-19 ta' Settembru 2014, fejn b'hekk wettqet żball ta' liġi li kellu effett fir-rigward (i) tal-evalwazzjoni dwar il-kompetenza tal-Kummissjoni u (ii) tan-natura tal-ittra kkontestata.

Sussidjarjament, ir-Rumanija tqis li l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea kisret id-dritt tal-Unjoni u ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja billi ddikjarat li huma l-Istati Membri li għandhom jevalwaw l-eżistenza ta' telf ta' riżorsi proprji tradizzjonali, kif ukoll l-eżistenza ta' obbligu ta' ħlas ta' tali riżorsi.

Barra minn hekk, ir-Rumanija tikkontesta l-applikabbiltà tal-mekkaniżmu ta' ħlas b'mod provviżorju għall-każ inkwistjoni u, f'dan is-sens, tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill, tas-7 ta' Ġunju 2007, dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 163, p. 17).
([2]) Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1150/2000, tat-22 ta' Mejju 2000, li jimplimenta d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 169).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-17 ta' Novembru 2015 – J.N., il-parti l-oħra: Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid

**(Kawża C-601/15)**

(2016/C 038/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Qorti tar-rinviju

Raad van State (kunsill tal-Istat)

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* J.N.

*Konvenut:* Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (segretarju tal-Istat għas-sigurtà u għall-ġustizzja)

### Domanda preliminari

L-Artikolu 8(3)(e) tad-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, p. 96) huwa konformi mal-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2007, C 303, p. 1):

1) f'sitwazzjoni fejn ċittadin ta' pajjiż terz ikun inżamm f'detenzjoni skont l-Artikolu 8(3)(e) ta' din id-direttiva u għandu d-dritt, skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, p. 60) li jibqa' fi Stat Membru sakemm l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu tkun is-suġġett ta' deċiżjoni fl-ewwel istanza, u

2) fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet dwar il-Karta (ĠU 2007, C 303, p. 202) li skont dawn il-limitazzjonijiet li jistgħu leġittimament jiġu imposti fuq id-drittijiet previsti fl-Artikolu 6 ma jistgħux jeċċedu l-limiti permessi mill-KEDB [Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem] fil-formulazzjoni stess tal-Artikolu 5(1)(f), u tal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għal din l-aħħar dispożizzjoni, b'mod partikolari fis-sentenza tagħha, tat-22 ta' Settembru 2015, Nabil *et* vs L-Ungerija, 62116/12, li skont din id-detenzjoni ta' applikant għall-ażil tmur kontra d-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq tal-KEDB jekk din id-detenzjoni ma kinitx ġiet imposta għall-finijiet ta' tneħħija?

---

**Appell ippreżentat fil-15 ta' Novembru 2015 minn Ana Pérez Gutiérrez mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fid-9 ta' Settembru 2015 fil-Kawża T-168/14, Pérez Gutierrez vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-604/15 P)**

(2016/C 038/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Appellanti:* Ana Pérez Gutiérrez (rappreżentant: J. Soler Puebla, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

1. tiddikjara l-eżistenza ta' interferenza illeġittima fid-dritt għall-unur, għall-intimità tal-familja u għall-proprja immaġni, bl-użu mingħajr kunsens tal-immaġni ta' D. Patrick Johannes Jacquemyn, meta l-Kummissjoni Ewropea inkludiet ir-ritratt tiegħu fil-librerija ta' immaġni tat-twissijiet għas-saħħa għall-prodotti ta' tabakk fl-Unjoni Ewropea.

2. tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lill-appellanti s-somma ta' EUR 181 104 fil-kuntest ta' *lucrum cessans*.

3. tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lill-appellanti s-somma ta' EUR 0,01 għal kull pakkett jew prodott tat-tabakk fejn tidher l-immaġni ta' D. Patrick Jacquemyn, somma li l-ammont totali tagħha għandu jiġi ddeterminat fiż-żmien tal-eżekuzzjoni tas-sentenza, u li f'dan il-mument jammonta għal sebgħa u għoxrin miljun ħames mija tmienja u tmenin elf ħames mija u erbgħa u għoxrin euro (EUR 27 588 524).

4. tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lill-appellanti kumpens għall-benefiċċju miksub mill-użu illegali tal-immaġni ta' D. Patrick Jacquemyn, li jammonta għal EUR 13 790 000 fi Spanja, post ta' residenza tal-appellanti u ta' D. Patrick Jacquemyn.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Nuqqas ta' qbil bejn dak li ġie espost fis-seduta u dak li ġie espost fis-sentenza

L-appellanti qatt ma aċċettat id-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, iżda biss aċċettat li d-dokumenti jiġu ppreżentti *extempore* mingħajr ma qajjmet eċċezzjonijiet, fatt li ma ġiex iċċarat fis-sentenza.

Ksur tal-Artikolu 15(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Ksur tal-prinċipju tad-dritt Ewropew li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkollhom aċċess għad-dokumenti użati minn xi korp tal-Unjoni sabiex jadotta deċiżjonijiet. L-appellanti talbet diversi drabi d-dokumenti dwar id-dritt tal-immaġni tar-ritratt inkwistjoni, li qatt ma ġew ipprovduti lilha.